MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2009

Numru. 705/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**MATTHEW CILIA ta' 23 sena, iben Paul Cilia u Margaret nee' Scerri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Dicembru, 1985, residenti fil-fond 8, Redentur, Triq il-Langas, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 8986M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MATTHEW CILIA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Lulju, 2008 ghall-habta tas-2.00am ikkommetta serq ta' 4 rombli tal-membrane li jiswew

€93.17 mill-impjant kummercjali maghruf bhala KPT Trading li jinsab gewwa Triq Burmarrad, Burmarrad ghad-dannu ta' Trevor Muscat u Paul Noel Muscat, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ai termini ta' l-Artikoli 261, 263, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat ukoll li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' nterrogatorju;

Rat li fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru, 2008 l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni minnu registrata.

Ikkunsidrat:

Illi in vista' ta' l-ammissjoni minnu registrata ssib lil Matthew Cilia hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-pinea rat il-fedina penali ta' l-imputat,  rat id-dikjarazzjoni li r-res-furtiva giet restitwita;
Ghaldaqstant qieghda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------